# LE, MHUX SEWWA LI ĦA NĦARBTUĦ IŻ-ŻWIEĠ”

Hija ħasra li għal ħafna minna l-fidi tagħna ma għadhiex soda kif għandha tkun, it-twemmin tagħna sar it-twemmin ngħidlu jien tas-*supermarket*. Dorna l-ixkaffi, għażilna dak li ridna għax jogħġobna u dak li ma jogħġobniex ħallejnih hemm jew anzi nitkellmu kontrih. Irridu nifhmu darba għal dejjem li ma Alla ma hemmx kompromessi. Jekk irridu nkunu **veru nsara** rridu naċċettaw il-kelma Tiegħu fl-intier tagħha u mhux fejn jaqblilna naċċettawha u fejn le ngħawwġuha u nħallu lilna nfusna ninġarru mal-kurrent qarrieq tad-dinja.

Ninsab ċerta li kieku Ġuża Mifsud kien għadha ħajja, tgħidx kemm kienet bħalissa tħambaq kontra d-divorzju. Kienet diġa tagħmel dan meta kien jissemma minn sezzjoni żgħira tas-soċjeta, aħseb u ara issa li din il-pjaga kontra l-għaqda fil-familja qed tissemma aktar fil-beraħ.

## X’QALET ĠUŻA MIFSUD

Ġuża tgħid li fis-7 ta’ Frar 1987 il-Madonna qaltilha, “Kun af, binti, li d-dinja tħabblet ħafna b'din id-duttrina li ma għandhiex x'taqsam mad-duttrina li tana Alla, mal-għaxar kmandamenti t'Alla... Din hija duttrina tad-dlam, duttrina tal-gwerer, duttrina tal-mibegħda, duttrina ta' tifrik... Alla l-għaxar kmandamenti għamilhom, tahom lil Mose kif kellu jagħtihomlu mingħajr ma huma mittifsin xejn, bil-veru duttrina li l-Mulej riedha qawwija u sħiħa... U mhux dak, jaħasra, qiegħed f'pont tant hu ikrah illi ma jridx lil martu, hija ma tridx lil żewġha. Dawna ma humiex favur l-għaxar kmandamenti t'Alla...

Id-duttrina tal-Mulej iridu jħassruha biex jagħmlu duttrina li taqbel lilhom, rigward id-divorzju, rigward it-taħwid tal-familja, rigward il-qtil tat-tfal innoċenti...”

Imbagħad fi Frar 1995 Ġuża qalet, “Ġo Malta issa nqlibna ta’ taħt fuq. U dan sew, dan id-divorzju? Ommi kellha wieħed u tmenin sena u anka missieri. U mela qatt ma ġġieldu? Imma dejjem irrispettaw lil xulxin... Jien ngħid għalija nitlob għal kulħadd... imma għal dawn in-nies nitlob ħafna biex Alla jgħaqqadhom fi żwieġ li ma jinħallx. Fiż-żwieġ li ma jinħallx hemm il-barka...

Jiena dan nafu mis-Sinjura tal-Ħajja li qaltli biex nitkellem ħafna fuq dawn l-affarijiet. Kemm jisgħobiha l-Madonna fuq dawn il-familji, iħarbtu lilhom



infushom, iħarbtu lil uliedhom, iħarbtu l-patria. **Jistgħu jiġu hawnhekk ir-rappreżentanti kollha li għandha ġo Malta u ngħidilhom, “Le, mhux sewwa li ħa nħarbtuħ iż-żwieġ...** Dawn Alla jħares ma jkunx hemm nies ta’ rieda tajba biex imbagħad jaqdu lit-tfal għax imbagħad min jeħel? Povri tfal hu. Jiena ommi u missieri dejjem rabbewna kif kellhom irabbuna... jgħidulna r-rużarju. Konna nbatu imma dejjem għexna l-valuri ta’ Kristu u kif irid il-Mulej...”

F’messaġġ li Ġuża rrekkordjat fit-30 ta’ Awissu 1992 u li nqara waqt il-laqgħa ta’ Settembru 1992, fost affarijiet oħra Ġuża qalet hekk: “U dan il-kastig illi waqa’ fuq Malta ukoll issa, dan it-taħlit, dan li jridu jiddivorzjaw wieħed mill-oħra, l-oħra mill-ieħor. Dawn m’humiex affarijiet sbieħ tafux, nibżgħu ħafna mill-id setgħana tal-Mulej li Alla jħares ma ninqabdux f’xi xibka kbira u jċaqlaq naqra sebgħu iż-żgħir min idu l-Mulej Alla ta’ l-Eżerċiti u jintefa’ xi ħaġa kbira fuq Malta.

Għalhekk nitolbu u nagħmlu penitenzi kif trid il-Madonna. Mhux kif irrid jien, kif trid il-Madonna, għax dak li qaltli l-Madonna li, ‘d-dinja għandha bżonn tirrikorri bit-talb quddiem Alla u tagħna penitenzi u penitenzi l-aktar kbar… Tistħix tirrepetihom dawn l-affarijiet… Kompli ppriedka l-imħabba, kompli ppriedka l-paċi u kompli ppriedka li m’għandu jkun hemm qatt mibgħeda u nkwiet u ġlied…’”

Ġuża kompliet tgħid li, “Il-miżżewġin għandhom jikkuntattaw bl-imħabba bejniethom, bl-ordni, bil-paċi, bis-skiet, li jżommu lejn xulxin ilsienhom nadif u mhux jgħidu kontra xulxin u joqogħdu jillitikaw wieħed kontra l-ieħor imma jaqbdu l-linja ta’ l-imħabba u tal-paċi u jużaw lil xulxin kif irid Alla.”

## X’QAL L-ARĊISQOF MONS. PAWL CREMONA

Kif qal Mons. Arċisqof fit-8 ta’ Settembru 2008, “Illum, anki fi żmienna, il-pajjiż tagħna u l-wirt tiegħu tal-valuri msejsa fuq it-tagħlim ta’ Sidna Ġesù Kristu, li huwa espert ta’ l-umanita, qiegħed ukoll taħt theddida tal-idejoloġija tas-sekulariżmu… Hija ideoloġija li għalkemm tgħid li hija bbażata fuq l-għażla u l-liberta personali, fiha nfisha hija qawwa kbira biex iddaħħal u tinfluwenza lis-soċjeta bil-mezzi ta’ komunikazzjoni, u xi drabi anki bil-leġislazzjoni għall-kwalita ta’ soċjeta li hija tippromwovi.

Quddiem dan kollu rridu nkunu ċari li ma nistgħux nibqgħu passivi, kuntenti li wħud se jibqgħu fil-liberta li jgħixu l-valuri li jemmnu fihom. Iktar ma din l-ideoloġija tkun qawwija aktar se tkun diffiċli li wieħed jgħix il-valuri personali



tiegħu, bħalma huma dawk fiż-żwieġ u l-familja…

Huwa diffiċli li ż-żagħżagħ tagħna jibnu żwieġ stabbli meta jridu jgħixuh f’kuntest ta’ kelma u wegħda li tista’ tinħall faċilment b’dannu għal min daħal b’inpenn għaż-żwieġ… Kull leġislazzjoni favur id-divorzju, u ‘l quddiem bl-istess raġunijiet, l-abort u l-ewtanasja, se dgħajjef lis-soċjeta tagħna.”

## X’GĦANDNA NAGĦMLU AĦNA?

Jkun aħjar jekk minflok li noqgħodu nitkellmu fuq id-dritt ta’ dak u ta’ l-oħra, nitkellmu fuq id-dmirijiet li lkoll għandna. Kulħadd għandu d-dmir li jħares it-tisħiħ tal-familja u mhux it-tifrik tagħha. M’ijiex skuża li d-divorzju jista’ jkun limitat għal dawk li ma jiżżewġux bil-Knisja. Xorta jxekkel il-valuri li għal ħafna huma diġa fraġli, aktar joħloq possibilta ta’ koppji li jagħżlu ż-żwieġ ċivili għaliex ikun hemm il-possibilta li ma’ l-ewwel problemi, minflok li l-koppja tħaddem imħabbitha biex tegħelibhom, tagħżel l-eħfef triq u tirrikkorri għad-divorzju mingħajr ma tqis kemm persuni jistgħu iweġġgħu b’deċiżjoni bħal din.

Ir-responsabilta iżda m’ijiex biss fuq l-awtoritajiet Civili jew Ekklesjastiċi. Jekk aħna veru nsara lkoll irridu nsemmgħu leħinna. Bħala nsara għandna nagħtu s-sehemna sabiex nikkundannaw dak li jmur kontra t-twemmin tagħna. M’għandnix nibżgħu noħduha kontra min jipprova jnawwar il-fidi tagħna b’affarijiet li jmorru kontra l-kelma u t-tagħlim ta’ Sidna Ġesù Kristu. Ma ninsewx li fil-quddiesa aħna ngħidu, “nistqarr lil Alla li jista’ kollox, lilkom ħuti, li jiena dnibt ħafna bil-ħsieb, bil-kliem, bl-għemil u **billi ħallejt dmirijieti**...” Huwa d-dmir tagħna li nsemmgħu leħinna, il-biża tagħna għandu jkun biss jekk ma nimxux skond il-kelma t’Alla. Niftakru, li rridu jew ma rridux xi darba ħa nidhru quddiemu! Ħafna jħobbu jgħidu li Alla huwa mħabba, li Alla huwa ħniena. Dan kollu huwa veru, iżda ma ninsewx li Alla huwa wkoll ġustizzja. Hu ser jiġġudikana fuq dak li għamilna f’ħajjitna u anka fuq dak li nqasna li nagħmlu.

Nitħeġġu bil-fidi, nitolbu lill-Ispirtu s-Santu jagħtina l-għerf u l-qawwa biex ngħarfu t-triq li għandna nieħdu. Nitolbu sabiex il-familji jissaħħu u jkunu ta’ eżempju għal ħaddieħor, mhux għall-familji Maltin biss imma għal kull min iżur pajjiżna. B’kuraġġ naħdmu flimkien sabiex tisseddaq l-għaqda fost il-familji u mhux il-firda. Naħdmu mhux għal dak li jifred imma għal żwieġ b’saħħtu magħqud ħaġa waħda ma Kristu!

Nappella lilkom li qegħdin taqraw dan l-artiklu, biex kemm personali kif ukoll permezz ta’ għaqdiet oħra li tistgħu tkunu membri tagħhom sabiex ilkoll naħdmu



flimkien kemm bit-talb kif ukoll bil-fatti, sabiex insemmgħu il-vuċi tagħna u nħarsu l-valuri nsara f’pajjiżna. Niftakru li qegħdin fis-sena Pawlina, u fl-atti ta’ l-Appostli nsibu miktub li San Pawl lis-suldati u l-baħrin qalilhom, “Jinħtieġ iżda li naħbtu ma’ gżira.” Il-miġja ta’ San Pawl ma seħħitx b’kumbinazzjoni. Malta għandha messaġġ kbir xi twassal mhux biss lil niesha iżda lid-dinja kollha!

O Verġni mbierka, aħna fil-litanija nsejjħulek bħala s-Sultana tal-Familja. Nitolbuk sabiex tkompli ssaltan fuq il-familji nsara ħalli jkomplu jissaħħu fil-Mulej u meta jinqala’ s-saram u l-l-inkwiet, jgħelbuh u jkomplu jissaħħu u jingħaqdu dejjem iżjed. Sultana tal-familja, itlob għalina.

**Sylvana Spiteri LL.D**

---

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**C. M. mir-Rabat** tirringrazzja lil Alla u l-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja li qalgħet dwar it-tifla t’oħtha.
**A. G. mill-Mosta** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti kellha tqala u ħlas tajjeb ħafna.

**M. Calleja minn Birkirkara** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta’ Ġuża Mifsud qalghet grazzja rigward it-tifel tagħha.

**S. Falzon mill-Mosta** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Tgħid li z-zija tagħha kellha uġigħ kbir f’saqajha, talbet lill-Madonna u meta għamlet it-testijiet sabu li ma kellha xejn gravi. Talbet ukoll għal uliedha biex jgħaddu mill-eżamijiet u tinsab kuntenta ħafna bir-riżultati li ġabu. Hi tkompli tgħid, “Jien dejjem nitlob lill-Madonna li tismagħna għax hi ommna u omm bħalna.”

**C. D. Minn Birżebbugia** kitbet li kemm hi kif ukoll il-familja tagħha devoti ħafna tal-Madonna tal-Girgenti. Filfatt hi tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna. Tgħid li ħuwha għamel operazzjoni serja fl-imsaren u peress li kien avvanzat fl-eta kienu mħassbin ħafna dwaru. Iżda kollox għadda b’wiċċ il-ġid u l-operazzjoni kienet suċċess.

# AVVIZ IMPORTANTI

Jiltaqgħu ħafna nies magħna li jibdew jirrakkontaw il-grazzji li qalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti jew tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud, izda li sfortunatament jibqgħu ma jiktbux dawn il-grazzji u jgħadduhomna. Nappella b'mod speċjali lil dawn il-persuni sabiex jiktbu dawn il-grazzji. Min ma jafx jikteb jista' jikkuntattjana u nagħtuh l-ghajnuna meħtieġa. Ix-xandir ta' dawn il-grazzji huwa mezz ieħor kif jirringrazzjaw lil Alla għall-grazzji li jkunu qalgħu.

# DVD – NITOLBU MA' MARIJA

Dan id-DVD hu adattat ferm għall-familja kollha f'kull żmien tas-sena. Apparti dokumentarju qasir dwar Ġuża Mifsud u l-Girgenti, fih insibu wieħed u tletin ħsieb Marjan ta' madwar ħames minuti l-wieħed (ħsieb għal kull jum tax-xahar), kif ukoll il-misteri kollha tar-rużarju – ferħ, dawl, tbatija, glorja. Ir-ritratti li hemm marbuta ma' kull misteru jgħinu lil kull nisrani biex jgħid ir-rużarju sew. Nafu li r-rużarju ma huwiex biss talba tal-fomm imma wkoll talba tal-moħħ ghaliex irridu nimmeditaw fuq dik il-ġrajja fil-ħajja ta' Kristu li nkunu qegħdin ngħidu l-posta tagħha.

Ir-rużarji, ħlief għall-misteri, huma bil-vuċi ta' Ġuża Mifsud li żgur li mis-sema tkun ukoll qed tingħaqad magħna f'din it-talba li tant kienet għall-qalbha u li hi tant għal qalb Ommna Marija Santissima.

# DVD – IX-XEJN AĦJAR MINNI

"Minn jien? Jien ma jien xejn, ix-xejn aħjar minni!" Hekk jibda d-DVD b'tagħrif siewi u nteressanti dwar Ġuża Mifsud u l-messaġġ tal-Girgenti.
Fejn għexet Ġuża? X'kienet tagħmel f'żogħżitha? Minn fejn ġew it-titoli Madonna tal-Konsagrazzjoni u Madonna tal-Girgenti? Il-Beatu Dun Ġorġ Preca u Dun Ġorġ Mercieca x'sehem kellhom f'ħajjitha? X'riedet il-Madonna minn Ġuża? Ġuża lill-Madonna biss rat? X'qalu dwar Ġuża Mons. Carmelo Xuereb, Mons. Salvatore Grima, Mons. Amante Buontempo u Dun Nazzaren Tonna? Ħafna grazzji maqlugħa, ħafna ritratti, filmati u aktar...



Żgur li meta wieħed jixtarr il-kontenut għandu jħoss imħabba akbar lejn Alla l-Missier, lejn il-Mulej Ġesù, l-Ispirtu s-Santu, l-Madonna u s-sema kollha. Imħabba akbar li tgħinna lkoll ngħixu ħajja aħjar aktar qrib il-Mulej, ħajja mimlija b'ħafna paċi tal-qalb.

# TALB SPISS IMTENNI MINN GUZA MIFSUD

Infaħħrek Mulej għax m'hawnx bħalek!

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqna, twarrabx idejk minna u żommna dejjem marbutin mal-volonta' mqaddsa tiegħek. U inti omm tal-ħniena, Madonna tal-Konsagrazzjoni, tħallina qatt illi naqbdu t-triq il-ħażina, imma dejjem għinna, użana u agħtina l-konsolazzjoni.

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu sopran-naturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

# TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*



# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 4u 18 ta' Jannar 2009 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Frar 2009 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Marzu 2009 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' April 2009 fil-5.30p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarju b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEHEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 77 JANNAR 2009 JITQASSAM BLA ĦLAS



***Inħarsu ħafna lejn it-twajjeb Ġesù meta kien fid-dinja, lejn it-twajba Madonna u lejn it-twajjeb San Ġużepp biex dawn ikunu l-eżempju tagħna... il-mudell tal-familji Maltin, Għawdxin u tad-dinja kollha.***
***Ġuża Mifsud, Girgenti, Novembru 1991***

Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni
jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu għas-sena 2009
lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett,
lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l proxxmu kollu.
Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha.